## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 450/2019 MS*

**Massimiliano Pallone**

**Vs.**

**Piermario Gottarelli**

Illum, 18 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fid-9 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu, wara li huwa ppremetta hekk:

> Illi fis-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa daħal f'kuntratt (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kuntratt") mal-intimat, Piermario Gottarelli, detentur tal-karta tal-identità Taljana AA3669024 u residenti *Riolo Terme, Via Abbazia*, numru dsatax (19),

*Provincia di Ravenna*, fl-Italja, bħal ma hu evidenti miċ-ċertifikat tar-residenza kopja ta' liema ċertifikat qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK A', għall-akkwist ta' elf, mija, ħamsa u għoxrin (1,120) il-kapital azzjonarju (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kapital Azzjonarju") mir-rikorrent fil-kumpannija li topera taħt l-isem Evergreen Glex Holdings Ltd, kumpannija ta' responsabbiltà limitata, stabbilita, inkorporata u reġistrata skond il-ligijiet Maltin, taħt in-numru tal-kumpanniji C67625 u irreġistrata fis-60/2, Melita Street, il-Belt Valletta, VLT 1122, Malta (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kumpannija"), liema Kapital Azzjonarju huwa ekwivalenti għal disgħin fil-mija (90%) tal-kapital kollu fil-Kumpannija, b'valur nominali ta' Ewro (€1) għal kull azzjoni. Kopja ta' dan il-Kuntratt qed tiġi annessa u mmarkata bħala 'DOK B'.

Illi l-Kuntratt jindika illi l-partijiet qablu li l-pagament ta' ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000) qiegħed isir mir-rikorrent lill-intimat bħala kunsiderazzjoni għall-akkwist tal-Kapital Azzjonarju (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pagament"). Ir-rikorrent qiegħed hawnhekk jiddikjara illi il-Pagament sar *ai termini* tal-Kuntratt, fil-ħin indikat fl-istess Kuntratt, u f'żewġ (2) tranżazzjonijiet: l-ewwel wieħed fl-ammont ta' għaxart-elef Ewro (€10,000) fis-sebgħa (7) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017); u t-tieni fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) fil-ħmistax (15) ta' Marzu tal-elfejn u tmintax (2018). Kopji tal-Pagament qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'DOK C' u 'DOK D'.

Illi l-Kuntratt jiddikjara li l-Kapital Azzjonarju ġie trasferit ħieles minn kull penali, interessi u obbligi. Iżda fit-tletin (30) t'April elfejn u tmintax (2018), ir-Reġistru tal-Impriżi informa lir-rikorrent *tramite* il-fornitur tas-servizz korporattiva tiegħu hawn Malta, Credence Corporate & Advisory Services Limited, kumpanija b'responsabbiltà limitata inkorporata taħt il-liġi ta' Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C40192 u li għandha l-indirizz reġistrat tagħha f' numru erbgħin (40), Villa Fairholme, Triq Sur Augustus Bartolo, Ta' Xbiex, XBX 1095, Malta (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Credence"), illi dan ma kienx minnu u li l-ebda kopji tal-kontijiet annwali u xejn anqas formuli tal-prospett annwali ma ġew ippreżentati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni tal-impriżi għas-snin elfejn u sittax (2016) u elfejn u sbatax (2017). Kopji ta' dawn in-notifiki riċevuti kemm għall-Kumpanija kif ukoll għar-rigward tal-kumpanija 'trading' taħt l-istess struttura liema kumpanija topera taħt l-isem Alieurope Management Jet Ltd, kumpanija b'responsabbiltà limitata inkorporata taħt il-liġi ta' Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija

C67630 u li għandha l-indirizz reġistrat fl-istess indirizz tal-Kumpanija, qeghdin jiġu hawn annessi u mmarkati 'DOK E' u 'DOK F'. Minħabba dan il-Kumpannija ma tħallitx tirreġistra it-trasferiment tal-Kapital Azzjonarju f'isem ir-rikorrent u it-tibdil tal-indirizz tal-uffiċju tal-Kumpannija. Jirrizulta illi l-Kumpannija kienet u għada qed tikser l-obbligi tagħha *ai termini* tal-artikoli 183 u 184 tal-Att Dwar il-Kumpanniji [Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta] għas-snin elfejn u sittax (2016) u elfejn u sbatax (2017), liema perijodu huwa qabel l-akkwist tal-Kapital Azzjonarju u id-data tal-Kuntratt.

Illi fl-għaxra (10) t'Ottubru elfejn u tmintax (2018) intbagħtet ittra uffiċjali ippreżentata fir-reġistru tal-Prim' Awla, tal-Qorti Ċivili, indirizzata lill-intimat (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Ittra Uffiċjali"). Kopja ta' liema ittra qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'DOK G'. Permezz ta' din l-Ittra Uffiċjali, l-esponent *nomine* interpella lill-intimat sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Uffiċjali jħallas s-somma kumplessiva ta' erba' u erbgħin elf, erbgħa mija u erbgħin Ewro (€44,440) rappreżentanti dana l-ammont in kwantu għas-somma ta' ħamsa u tletin elf (€35,000) dovuti lir-rikorrent għal-Pagament magħmula fis-sebgħa (7) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) u fil-ħmistax (15) ta' Marzu tal-elfejn u tmintax (2018) kif jidher minn DOK C u DOK D hawn annessi, u in kwantu għas-somma ta' disat elef, erbgħa mija u erbgħin Ewro (€9,440) rappreżentanti spejjeż minnu inkorsi u lilu dovuti in konnessjoni ma' servizzi provduti minn Credence bħala provdituri ta' servizzi lill-kumpanniji hawn Malta taħt il-liġijiet ta' Malta, liema ammont jista' jiġi evidenzjat minn *statement of accounts* hawn anness u mmarkat 'DOK H'. L-intimat ġie notifikat b'din l-Ittra Uffiċjali fid-disa' u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) *tramite* l-uffiċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta kif huwa meħtieġ mir-Regolament (KE) numru 1393/ 2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u *extra-*ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1348/ 2000. Kopja tan-nota ppreżentata lil din l-onorabbli Qorti mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta jikkonferma n-notifika pożittiva tal-intimat minn naħa tal-*Ufficio Unico Degli Ufficiali Giudiziari* f'Ruma, qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'DOK I'.

Illi minkejja il-fatt li l-intimat ġie notifikat fid-disa' u għoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u tmintax (2018) kif stipulat mill- *Ufficio Unico Degli Ufficiali Giudiziari*

f'Ruma, u li saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrent sabiex din il-vertenza tiġi riżolta bonarjament, l-intimat la irrisponda lir-rikorrent u wisq anqas ppreżenta risposta għall-Ittra Uffiċjali quddiem din l-Onorabbli Qorti. Għalhekk ir-rikorrent ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jipproċedi bil-kawża odjerna fil-konfront tal-intimat.

l-attur kompla billi talab lill-Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. tiddikjara li l-intimat, Piermario Gottarelli, huwa inadempjenti kuntrattwalment, u konsegwentement responsabbli għad-danni li ġarrab ir-rikorrent għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, kif stabbilit mill-Kuntratt datat is-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

2. tikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont tad-danni, liema ammont ta' erbgħa u erbgħin elf, erbgħa mija u erbgħin Ewro (€44,440) huwa ċert, likwidu, u li għalaq, rappreżentanti l-ispejjeż lir-rikorrent inkorra a kawża tal-fatt li l-Kapital Azzjonarju ma ġiex trasferit ħieles minn kull penali, interessi u obbligi kif stipulat fil-Kuntratt surriferit, *oltre* l-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-Ittra Uffiċjali;

3. tordna li l-Kuntratt surriferit jiġi revokat;

4. tgħati kull rimedju u/ jew direttiva oħra li din l-onorabbli Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun.

   Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut fit-22 t'Ottubru 2019[1], li permezz tagħha huwa wieġeb hekk:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma insostenibbli kemm legalment kif ukoll fattwalment u ghaldaqstant, it-talbiet minnu magħmula ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.

2. Fl-ewwel lok, it-talbiet kif maghmula ma humiex legalment sostenibbli. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

[1] Fol.144.

a. Fl-ewwel talba tieghu, l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut huwa inadempjenti kuntrattwalment u konsegwentement responsabbli għad- danni. It-tieni talba tal-attur hija talba ghal kundanna ghad-danni sofferti minnu fl-ammont ta' €44,440 rapprezentanti dan l-ammont "... l-ispejjez lir-rikorrent inkorra a kawza tal-fatt li l-Kapital Azzjonarju ma giex trasferit hieles minn kull penali, interessi u obbligi kif stipulat fil-kuntratt surriferit, oltre l-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali", it-tielet talba hija sabiex tinghata ordni mill-Onorabbli Qorti biex il-kuntratt ta' bejgh jigi revokat filwaqt li r-raba talba hija talba sabiex jinghata kull rimedju u/jew direttiva ohra li l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

b. Illi għalhekk, it-talba primarja hija dikjarazzjoni li l-konvenut huwa inadempjenti kuntrattwalment u konsegwentement responsabbli għad-danni subiti mill-attur. It-talba ghar-"revoka" tal-kuntratt ta' bejgh hija konsegwenzjali.

c. Minghajr pregudizzju għal dak li sejjer jinghad izjed il-quddiem, legalment kellha ssir talba ghar-rezoluzzjoni tal-kuntratt ta' bejgh minhabba
inadempjenza kuntrattwali, ghar-rifuzjoni tal-prezz pattwit u imbaghad ghad-danni derivanti minn dan il-fatt u mhux bil-maqlub.

d. Illi l-prezz ta' bejgh qatt ma jista jitqies bhala danni. Id-danni ghandhom ikunu dawk li l-attur effettivament sofra minhabba l-inadempjenza kontrattwali minnu allegata.

3. Illi fil-mertu, t-talbiet tal-attur huma ukoll fattwalment insostenibbli. Dan ghas- segwenti ragunijiet:

a. Illi l-weghda ta' bejgh saret fis-26 ta' Ottubru, 2017 skont il-ligijiet Taljani u dan skont ma jirrizulta min qari tal-istess dokument anness mar-rikors guramentat.

b. Illi konsegwentement, huwa skont ma jirrizulta mil-ligi taljana u min dak li ftehmu dwaru l-partijiet li għandhom jinftehmu l-paragrafi bil-kliem "La partecipazione sara ceduta libera da pegni e da oneri" u li "le parti si garantiscono reciprocamente che nulla e' dovuto a nessuno per la conclusione della presente cessione". Illi effettivament dawn l-obbligi kuntrattwali gew onorati mill-konvenut u li konsegwentement ukoll fattwalment it-talbiet tal-attur ma jistgħux jigu milqugha.

c. Il-kuntratt kellhu jigi perfezzjonat mat-trasferiment tal-ammont ta' €25,000 li kellhu jsir sal-31 ta' Dicembru, 2017.

d. Illi dwar il-kwistjoni li qieghed jilmenta minnu l-attur u cioe li "... r- Registru tal-Imprizi informa lir-rikorrenti tramite il-fornitur tas-servizz korporattiva tieghu hawn Malta, Credence Corporate & Advisory Services Limited ... li l-ebda kopji tal-kontijiet annwali u xejn anqas formuli tal-prospett annwali ma gew epprezentati lir-Registratur ghar-registrazzjoni tal-imprizi ghas-snin elfejn u sittax (2016) u elfejn u sbatax (2017)" u li dan wassal sabiex ma tithalliex mill-istess Registratur li jigi registrat it- trasferiment tal-Kapital Azzjonarju f'isem l-attur allura l-attur kellhu jara li tali dokumentazzjoni, li kienet fil-pussess tieghu tigi hekk registrata u mhux minhabba l-inadempjenza tieghu, issa jipprova jitlob ir-"revoka" tal-kuntratt ta' bejgh. Dan in-nuqqas huwa tal-attur u mhux tal-konvenut. Il-konvenut ha hsieb li jghaddi d-dokumentazzjoni kollha rikjesta u peress li huwa ma kienx ghad fadallu x'jaqsam aktar mal-kumpaniji trasferiti, izda l-attur, kien jispetta lill-attur li jintavola tali dokumentazzjoni li l-konvenut kien ghaddielu.

e. Illi l-azzjoni attrici tfalli ukoll a bazi tal-principju generali li d-danni ghandhom jigu minimizzati. Skont id-dokumentazzjoni esebita mill-istess attur, l-ammonti li kellhom jithallsu sabiex jigu registrati l-annual returns ghas-snin indikati kienu verament minimi u bl-ebda mod ma jiggustifikaw ir-rezoluzzjoni tal-kuntratt ta' bejgh. Dan apparti l-fatt li d-dokumentazzjoni ghas-snin imsemmija kienet giet mghoddija lill-attur u dan naqas milli jipprezentaha. Tali ammonti kellhom jithallsu minnu u imbagħad semmai huwa jitlob lill-konvenut ghal dawn l-ammonti u mhux jipprocedi gudizzjarjament halli l-kuntratt ta' bejgh jigi "revokat". Il-konvenut ma kienx jaf b'dawn l-ispejjez, liema spejjez huwa kien u ghadu dispost li jhallas u li għandhom jigu limitati sad-data ta' meta dawn setghu gew intavolati.

f. Illi f'kull kaz, id-danni reklamati huma kkontestati u konsegwentement ghandhom jigu ppruvati skont il-ligi.

4. Illi konsegwentement, ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal ragunijiet ohra li talvolta jistghu jingiebu waqt it-trattazzjoni tal-kaz, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni li l-attur qed jagħmel biex il-konvenut jagħmel tajjeb għal telf li huwa ġarrab minħabba l-fatt li ishma f'kumpanija li huwa kiseb mingħandu ma kienux ħielsa minn penali, interessi u obbligi. L-attur qed jitlob ukoll ir-revoka tal-kuntratt li bih sar il-bejgħ tal-ishma msemmija.

7. Il-fatti rilevanti huma dawn.

8. Permezz ta' skrittura privata datata 26 t'Ottubru 2017[2], il-konvenut wiegħed li jċedi lill-attur il-kapital azzjonarju ekwivalenti għal elf u tmien mitt Ewro (€1,800) fil-kumpanija Evergreen Glex Holdings Limited, reġistrata Malta. Il-kontendenti ftehmu li l-kapital azzjonarju se jiġi trasferit «*libera da pegni e da oneri*», versu l-prezz kumplessiv ta' ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000), li kellu jitħallas in kwantu għal għaxart elef Ewro (€10,000) «*a titolo di caparra alla firma del presente atto*» filwaqt li l-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) «*in occasione del rogito notarile di cessione, con assegno circolare e in un'unica soluzione*». Ġie miftiehem li l-kuntratt finali kellu jsir sa u mhux wara il-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru 2017.

9. L-attur jgħid li l-kumpanija Evergreen Glex Holdings Limited kienet it-titolari tal-kapital azzjonarju kollu tal-kumpanija Alieurope Management Jet Limited, li allura kellha tinkiseb minnu wkoll b'mod indirett. Din l-aħħar kumpanija ġiet imħassra minn fuq ir-reġistru tal-kumpanija a tenur tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji fit-18 t'April 2021[3].

10. Jidher li l-ammont ta' €10,000 tħallas sas-7 ta' Novembru 2017[4]. L-attur jgħid li l-ammont ta' €25,000 tħallas minnu sal-15 ta' Marzu 2018[5].

---

[2] Fol.7.
[3] Fol.199.
[4] Fol.9.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.109.

11. Jirriżulta li kuntratt finali għand nutar ma sar qatt[6]. Il-konvenut xehed li fit-28 ta' Diċembru 2017, huwa bagħat id-dokumenti oriġinali u minnu ffirmati lill-professjonisti nkarigati mill-attur, kompriża r-riżenja tiegħu minn direttur u l-formoli meħtieġa għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma[7]. Hu sostna li kien l-attur li naqas milli jipprovdi d-dokumenti kollha ffirmati min-naħa tiegħu. Iżda minn eżami tal-korrispondenza eżebita, jidher li l-konvenut kien jonqsu jiffirma xi dokumenti, kompriż il-ftehim tal-bejgħ, li kellu jiġi ffirmat ukoll minn ċertu Maria Coppola li kellha azzjonijiet ukoll fil-kumpanija in kwistjoni[8]. Il-konvenut ma riedx jiffirma qabel jitħallas[9].

12. Il-konvenut kompla jixhed li f'Marzu 2018 huwa kiteb lill-attur biex javżah li jekk il-bilanċ tal-prezz se jibqa' mhux imħallas, huwa kien se jqis il-kuntratt ta' bejniethom bħala xjolt, u kien se jbiegħ il-kumpanija lil ħaddieħor[10]. Kien f'dan il-punt li l-attur ħallas is-somma ta' €25,000. Il-konvenut qal li f'dak il-ħin huwa reġgħa ffirma d-dokumenti kollha bid-data attwali u bagħat kollox lill-professjonisti nkarigati mill-attur[11].

13. Jirriżulta li l-konvenut matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru tas-sena 2017 kien f'taħdit mal-professjonisti nkarigati mill-attur dwar il-possibilità li jinkarigahom hu wkoll dwar is-sottomissjoni tal-prospett annwali u l-kontijiet awditjati għas-sena 2016[12]. Madanakollu dan l-inkarigu ma ngħatax għaliex il-konvenut ma qabilx mal-istima tas-servizzi mogħtija lilu[13]. Hu però kkonferma mal-professjonisti nkarigati mill-attur li kien se jirregola n-nuqqasijiet statutorji riferibbli għas-sena 2016[14].

14. Fix-xahar t'April 2018[15], ir-Reġistratur tal-Kumpaniji kiteb lir-rappreżentanti lokali tal-attur biex jgħarrafhom b'xi nuqqasijiet li l-kumpanija Evergreen Glex Holdings

[6] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur, a tergo ta' fol.207.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.228.
[8] Fol.265.
[9] Fol.268.
[10] Fol.231.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.228-229.
[12] Ara, per eżempju, fol.260.
[13] Fol.263.
[14] Fol.284.
[15] Fol.11.

Limited kellha fir-rigward tal-obbligazzjoni statutorja għas-sottomissjoni tal-prospetti annwali għas-snin 2016 u 2017. Minħabba f'dawn in-nuqqasijiet, l-attur ma setax jgħaddi biex jirreġistra t-trasferiment tal-azzjonijiet f'ismu.

15. L-attur għalhekk irid ir-rifużjoni tas-somma ta' €35,000, kif ukoll ir-riżarċiment tas-somma ta' €9,440 li huwa nkorra għal servizzi ta' professjonisti b'rabta mal-akkwist u mar-reġistrazzjoni tal-kapital azzjonarju in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

16. Illi l-Qorti jidhrilha li l-punt ta' tluq tal-konsiderazzjonijiet tagħha f'din il-kawża għandu jkun il-kwistjoni dwar jekk il-kuntratt ta' bejgħ tal-ishma in kwistjoni bejn il-kontendenti kienx effettivament konkluż jew le. Determinazzjoni din li fil-fehma tal-Qorti hija ċentrali f'din il-kawża u li minnha mbagħad titnissel kull determinazzjoni oħra rilevanti għar-riżoluzzjoni tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet tal-kontendenti.

17. Iżda qabel tagħmel din id-determinazzjoni, trid tiġi epurata wkoll il-kwistjoni mqanqla mill-konvenut dwar il-liġi applikabbli għall-ftehim konkluż mill-kontendenti bl-iskrittura tas-26 t'Ottubru 2017. Il-konvenut isostni li għal dan il-ftehim tapplika l-liġi ċivili Taljana, u jorbot din is-sottomissjoni tiegħu mal-fatt li fl-iskrittura preċitata hemm riferenza għall-artikolu 1341 tal-Kodiċi Ċivili Taljan.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kontenzjoni tal-konvenut hija karenti minn fondament. L-artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Numru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) jipprovdi hekk:

> Kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet. L-għażla għandha ssir espressament jew tkun manifestata b'mod ċar permezz tat-termini tal-kuntratt jew taċ-ċirkostanzi tal-każ. Bl-għażla tagħhom, il-partijiet jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli għat-totalità jew għal parti biss tal-kuntratt.

19. L-għażla tal-liġi għalhekk għandha ssir b'mod espress jew inkella trid tkun manifestata b'mod ċar. Huwa evidenti mill-iskrittura privata tas-26 t'Ottubru 2017 li l-kontendenti la għażlu l-liġi applikabbli b'mod espress u lanqas ma wrew b'mod ċar li riedu li l-

ftehim tagħhom ikun regolat minn xi liġi partikolari. Il-Qorti ma jidhrilix li sempliċi riferenza għal dispożizzjoni waħda tal-Kodiċi Ċivili Taljan[16] għandha tingħata tifsira tali li tkun ekwivalenti għal ftehim dwar il-liġi applikabbli għall-ftehim kollu tal-kontendenti.

20. F'kull każ, anke kieku stess kellu jiġi konkluż illi kien hemm ftehim dwar l-applikazzjoni ta' liġi barranija, ħadd mill-kontendenti ma ressaq prova dwar dik il-liġi. Il-prinċipju prevalenti meta fi proċeduri Maltin ikun applikabbli Dritt barrani huwa dak imfisser fid-deċiżjoni ***Carmelo Saliba vs. Winifred Lawson in oggi moglie di George Harker dallo stesso assistita*** (Appell Superjuri, 12/2/1932)[17]: «*...chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera, assume l'onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge; mancando tale prova, è da applicarsi la legge locale*». Prinċipju li għadu segwit anki fiż-żminijiet tagħna (ara ***Michele Peresso Limited et vs. Upim S.r.l et***, Appell Superjuri, 10/10/2023).

21. Għalhekk il-Qorti se tapplika l-liġi Maltija.

22. Issa m'hemmx dubju li l-iskrittura tas-26 t'Ottubru 2017 hija fl-essenza tagħha wegħda ta' bejgħ, u m'hijiex il-bejgħ innifsu. Dan hu ċar mil-lokuzzjoni adoperata fil-parti operattiva tal-ftehim, fejn jingħad illi l-konvenut «*promette di cedere al*» l-attur l-ishma in kwistjoni, kif ukoll mill-fatt li l-kontraenti espressament ftehmu li għandhom jersqu għal ftehim finali ta' bejgħ quddiem nutar sa ċertu data. Dan il-ftehim finali quddiem nutar ma sarx.

23. Issa l-artikolu 118(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji jrid li l-bejgħ ta' azzjonijiet f'kumpanija ta' responsabbilità limitata isir bil-kitba. Ħtieġa li hija mtennija fl-artikolu 43(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti[18]. Ma jirriżultax li saret kitba dwar il-bejgħ. Għalkemm il-konvenut iffirma bosta dokumenti u riżoluzzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ishma, l-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma ġie kontroffirmat

---

[16] Li titkellem dwar l-aċċettazzjoni minn parti tal-kondizzjonijiet ġenerali ta' kuntratt predisposti mill-parti l-oħra.
[17] Kollezz. Vol.XXVIII.i.244.
[18] Kapitolu 364 tal-liġijiet ta' Malta.

mill-attur, u għalhekk ma jistax jingħad li l-bejgħ ta' dawn l-ishma sar "bil-kitba" kif trid il-liġi.

24. Barra minn hekk, hemm konsiderazzjoni oħra li twassal lill-Qorti għall-konklużjoni li l-bejgħ tal-ishma ma sarx, u li titnissel mill-artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jipprovdi kif ġej:

> 114. Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.

25. M'hemmx dubju li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ japplikaw għall-fattispeċi tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti. Dan għaliex skont l-artikolu 2 ta' dak il-Kodiċi: «*Taħt il-liġi tal-kummerċ jaqgħu l-kummerċjanti u l-atti tal-kummerċ magħmulin minn kull persuna, ukoll jekk ma tkunx tikkummerċja*». L-operazzjonijiet dwar soċjetajiet kummerċjali u l-azzjonijiet tagħhom huma, b'effett tal-artikolu 5(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, atti ta' kummerċ.

26. Fid-deċiżjoni ***Giuseppe Vella Gatt ne vs. Giuseppe Darmanin et*** (Appell Kummerċjali, 23/11/1956)[19], il-Qorti tal-Appell qieset hekk dwar l-artikolu 114, li dak iż-żmien kien numerat 118:

> Skond l-art. 118 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, meta jiġi miftiehem li l-ftehim verbali għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità. Dik il-preżunzjoni mhijiex "juris tantum", imma "juris et de jure", u hija intiża biex tipprevjeni l-kawżi (ara Debates tal-Assemblea Leġislattiva, Vol. 21 tas-sena 1932-33, p. 737, 2a. col.). U tabilħaqq, li kieku dik il-preżunzjoni kienet "juris tantum", u għalhekk kienet tista' titwaqqa' bi provi testimonjali, l-effett kollu tagħha kien jiġi ridott fix-xejn; għax l-iskop li għalieh saret, li tidderimi l-kwistjonijiet u tipprevjeni l-kawżi, ma kienx jista' jiġi raġġunt. Huwa risaput li l-awtur tal-abbozz ta' dik il-liġi, li kien il-Professur Carlo Mallia, allura Ministru tal-Ġustizzja, kien irrispekkja ruħu fuq it-tagħlim tal-Vivante, li fit-Trattat tiegħu ppropona għall-eventwali riforma tal-liġi taljana "il ritorno alla dottrina

[19] Kollezz. Vol.XL.i.572.

> romanistica per cui l'accordo sulla forma si presumeva condizione per l'esistenza del contratto" (Trattato di Diritto Commerciale, no.1580, p.75). U d-dottrina romanistica li għaliha alluda Vivante hija preċiżament il-liġi 17, "de fide instrumentorum" (Codex, IV, 16), fejn Ġustinjanu kien ippreskriva li meta jkun sar il-ftehim li għandu jsir il-miktub, u ma jsirx, "non aliter vires sancimus habere……. ut nulli liceat……… quam haec ita processerunt…….. aliquod jus sibi ex eodem contractu vel transactione vindicare"

27. Illi t-tagħlim ta' ***Vivante*** fuq din il-materja testwalment huwa li: «*I contraenti possono subordinare l'esistenza del contratto a una forma determinata, e farne un contratto solenne: la loro volontà è sovrana, qualunque sia il motivo che li consigli*»[20]. Huwa mbagħad ikompli billi jelenka eċċezzjonijiet magħmula fil-ġurisprudenza tal-Qrati taljani li kienet tradizzjonalment tippermetti l-użu ta' provi oħrajn sabiex jiġi salvat il-ftehim li ma jkunx ridott għall-kitba f'ċertu ċirkostanzi – prattika li kienet fis-seħħ għaliex il-kodiċi kummerċjali Taljan ma kellux dispożizzjoni bħall-artikolu 114 tal-Kodiċi tagħna; dispożizzjoni din li ddaħħlet mil-leġiżlatur tagħna proprju bħala riflessjoni tat-tagħlim ta' Vivante, kif rilevat mill-Qorti tal-Appelli Kummerċjali fid-deċiżjoni appena riportata.

28. Issir riferenza wkoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Joseph J. Engerer et noe vs. John Debono et*** (3/10/2003) fejn ġie osservat:

> Hi disposizzjoni espressa tal-liġi illi "jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validita` tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalita`" (Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ);
>
> Dan ifisser illi "qabel ma tiġi iffirmata l-iskrittura ma jistax jingħad illi l-ftehim hu perfett" ("**Neguzjant Joseph Stellini nomine -vs- Neguzjant Salvatore Debono**", Appell Kummerċjali, 14 ta' Diċembru 1942, Vol. XXXI P I p 565)

29. Issa huwa minnu li fil-każ odjern, il-ftehim bejn il-kontendenti ma kienx verbali imma sar bi skrittura privata. Però l-prinċipju li jitnissel mill-artikolu 114 huwa li fejn il-

[20] Trattato di Diritto Commerciale, Vol.IV, §1579.

partijiet jissubordinaw il-validità tal-ftehim ta' bejniethom għal xi forma partikolari, mela dik il-forma trid tiġi osservata. Dan il-prinċipju huwa, fil-fehma tal-Qorti, ugwalment applikabbli għall-każ odjern. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti qed issib illi la l-kontendenti ftehmu li l-bejgħ kellu jsir permezz ta' att notarili, mela allura in-nuqqas tagħhom li josservaw dik il-formalità tolqot il-validità tal-bejgħ li suppost ġie konkluż bejniethom.

30. Il-Qorti rriflettiet ukoll fuq il-fatt li ħadd mill-kontendenti, kompriż il-konvenut (li għal raġunijiet wisq ovvji, ma jikkonvjenilux jgħid li l-bejgħ ma sarx), la fir-rikors ġuramentat li bih inbdiet il-kawża u lanqas fir-risposta ġuramentata li biha l-konvenut laqa' għat-talbiet tal-attur, ma argumenta li l-bejgħ ma sarx. B'danakollu l-Qorti hija xorta waħda fid-dmir li tapplika l-liġi għall-fatti li għandha quddiemha, u b'daqshekk m'hijiex qed tissolleva xi eċċezzjoni hija stess. Sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Leon-John Cutajar vs. Joseph Carbone noe*** (19/10/2023) li: «*Ukoll jekk il-partijiet ma jsemmux il-liġi applikabbli, il-Qorti hija dejjem mistennija li tħaddem il-liġi t-tajba. Wara kollox huwa miżmum li iura novit curia, jiġifieri li lQorti hija meqjusa li taf il-liġi u la dan hu hekk, il-partijiet f'tilwima legali m'għandhomx l-obbligu li bilfors joqogħdu jeċċepixxu jew jippruvaw il-liġi li tgħodd għall-każ tagħhom. Dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti hija dejjem marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet fil-kawża (ara* ***Avukat Henri Mizzi nomine et v. Telestarr Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2019 u* ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023)*».

31. Wara kollox id-determinazzjoni dwar jekk il-bejgħ tal-ishma sarx jew le hija parti integrali mill-meritu tal-kawża, u għalhekk hija kwistjoni li bilfors trid tiġi deċiża *iuxta allegata et probata*. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Charles Santucci vs. John Mizzi noe*** (Appell Superjuri, 12/12/1958)[21]: «*...bħala regola ġenerali, huwa ċertament deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli ġenerali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż, u a skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati*», u ġie kkunsidrat li dan dejjem jista' jsir meta l-kwistjoni

[21] Kollezz. Vol.XLII.i.743.

sollevata tkun «*purament aċċessorja u subordinata għad-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni, jew 'inċident' fil-kawża – "quod incidit in rem de qua agitur*».

32. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-bejn il-kontendenti kien hemm biss wegħda li skadiet u għax skadiet, tilfet l-effetti kollha tagħha.

33. Din il-konklużjoni ma jistax ħlief ikollha effett profond fuq it-talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

34. L-eċċezzjoni tal-konvenut li l-attur kellu, qabel xejn, jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt tal-bejgħ titlef konsegwentement kull validità, għaliex ma hemmx il-ħtieġa li jintalab ix-xoljiment ta' kuntratt li ma sar qatt. Dan apparti l-fatt li (i) l-attur talab ir-revoka tal-kuntratt, liema terminu b'ekwipollenza ċertament jista' jinkludi fih it-terminu "riżoluzzjoni" jew "xoljiment" (anki jekk huma ħwejjeġ ġuridikament diversi), u (ii) huwa prinċipju akkolt fil-ġurisprudenza tagħna li mhux kull dikjarazzjoni jew provvediment li talvolta huma neċessarji li jsiru sabiex il-Qorti tasal biex tiddeċiedi t-talbiet li jsirulha għandhom bżonn jiġu mitluba espressament. L-atturi ressqu t-talbiet tagħhom «*prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna*», u għalhekk din il-Qorti hija fakultizzata li jekk tħoss il-ħtieġa tesprimi ruħha anki fuq din il-kwistjoni, avolja ma saritx talba espressa[22].

35. Għalhekk f'kull każ din l-eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi miċħuda.

36. Il-konklużjoni li l-bejgħ ma sarx għandha wkoll effett qawwi fuq it-talbiet tal-attur. Dan għaliex l-attur qed jitlob ir-riżarċiment ta' danni u r-revoka tal-kuntratt. Huwa ċar li l-azzjoni tal-attur hija mibnija fuq l-inadempjenza minnu pretiża tal-konvenut, u huwa għalhekk li huwa jrid id-danni u r-revoka tal-kuntratt.

37. Dan però ma jwassalx neċessarjament sabiex l-azzjoni tal-attur tiġi respinta għal kollox.

---

[22] Ara ***Joseph Gasan vs. Farmaċista Nicola Spiteri*** (Appell Superjuri, 28/6/1948 – Kollezz. XXXIII.i.666), kif ukoll ***Avukat Dottor Robert Zammit vs. Costantino Abela et*** (Appell Superjuri, 7/12/2023).

38. F'każ simili għal dak tal-lum, il-Qorti kienet qieset illi l-azzjoni tal-attur setgħet xorta waħda tiġi kkunsidrata u deċiża fil-meritu minkejja li kienet mibnija fuq kuntratt ta' bejgħ filwaqt li l-fatti kienu juru li kien hemm biss wegħda ta' bejgħ. Fid-deċiżjoni ***Negte. Luigi Pace Balzan vs. Capitan Tommaso Ellul ed altri*** (Appell Kummerċjali, 20/8/1879)[23] ġie osservat: «*Che la domanda per la risoluzione della detta convenzione nel caso può comprendere per equipollenza la domanda per la dichiarazione di essere cessati gli effetti della detta convenzione*». Osservazzjoni li tapplika *multo magis* għall-każ u għaż-żminijiet tal-lum. Hekk ukoll b'ekwipollenza t-talba tal-attur għad-danni tista' u għandha tinftiehem li tinkludi talba għar-radd lura ta' dak imħallas minnu fuq il-konvenju li issa tilef l-effetti kollha tiegħu.

39. La darba l-Qorti qed tasal għall-konklużjoni li l-bejgħ ma sarx, huwa evidenti li l-attur għandu l-jedd għar-rifużjoni tal-prezz ta' ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000) mħallas minnu lill-konvenut. Dan japplika wkoll għall-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) li tħallsu b'titolu ta' kapparra. Dan għaliex fil-fehma tal-Qorti, ix-xerrej prospettiv għandu l-jedd jirreċedi mill-wegħda u jieħu lura l-kapparra mħallsa minnu fejn ikollu raġuni valida biex ma jissoktax bil-bejgħ (ara f'dan is-sens ***Lawrence James Cappello et vs. John Muscat et*** (Appell Superjuri, 7/10/1997)[24]). Il-Qorti hija tal-fehma li l-obbligu tal-konvenut li jbiegħ l-azzjonijiet «*libera da pegni e da oneri*» kien jinkludi l-obbligu li jbiegħ b'mod u manjiera li t-trasferiment ta' dawk l-azzjonijiet jista' jsir mingħajr xkiel. Nuqqas t'osservanza ta' obbligi statutorji li jwasslu biex ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma ma jkunx jista' jsir huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, «*oneri*» li l-venditur promittent kien fid-dmir li jħares lix-xerrej prospettiv minnhom. Fl-atti tressqu provi suffiċċjenti biex din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien responsabbli għan-nuqqasijiet statutorji riferibbli għas-sena 2016. Għalkemm taqbel mal-konvenut li dawk riferibbli għas-sena 2017 huma responsabbilità tal-attur, jibqa' l-fatt li mingħajr ma jiġu sanati n-nuqqasijiet tas-sena 2016 kien hemm ostakolu serju u gravi għall-eżekuzzjoni tal-bejgħ tal-ishma, u dan in-nuqqas kien attribwibbli biss lill-konvenut.

[23] Kollezz. Vol.VIII.816.
[24] Kollezz. Vol.LXXXI.ii.730.

40. Apparti din ir-rifużjoni però l-attur m'għandu jiġi riżarċit xejn aktar. Għalkemm huwa jippretendi d-danni li jgħid li soffra fi spejjeż inkorsi inutilment b'rabta man-negozju li prova jagħmel mal-konvenut, huwa ma ressaqx prova kif imiss ta' dawn id-danni u għalhekk it-talbiet tiegħu fir-rigward se jiġu miċħuda.

41. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-eċċezzjoni numerata tlieta ittra 'f' (3f) tal-konvenut iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tiegħu;

(ii) tilqa' l-ewwel talba biss billi tiddikjara li l-konvenut kien inadempjenti skont il-ftehim tas-26 t'Ottubru 2017 u konsegwentement obbligat għar-radd lura tal-flus imħallsin skont dak l-istess ftehim mill-attur;

(iii) tilqa' t-tieni talba biss billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000), bl-imgħax legali dekorribbli min-notifika tal-ittra uffiċċjali bin-numru 3577/2018 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iv) tilqa' t-tielet talba biss fis-sens li tiddikjara li l-ftehim tas-26 t'Ottubru 2017 skada u tilef kull effett;

(v) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati in kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-konvenut u in kwantu għar-rimanenti terz ($^1/_3$) mill-attur.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur